# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

## SENTENZA

Mogħtija illum erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 1605/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rachel Aquilina)**

Vs

**Ryan Spagnol**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Ryan Spagnol**, iben Joseph u Emmanuela nee Pulis, imwieled Pieta fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tal-elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) u residenti numru tmienja (8), Hyacinth, Triq tal-Plier, Żabbar, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 501491(M) fejn ġie akkużat talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta tas-siegħa

u tnejn u erbgħin minuta ta' filgħodu (01.42hrs) u fil-ħin ta' qabel ġewwa Triq tal-Barrani, Żejtun, waqt li kien qed jagħmel użu mill-vettura ACI 996:

(1) f'post pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku kien fi stat ta' sakra b'mod li kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu inniffsu;[1]

(2) waqt li kien qed isuq naqas li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura;[2]

(3) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;[3]

(4) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li ikkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina kienet iżjed mil-limitu preskritt.[4]

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata milli tieħu jew ikollha ebda liċenzja tas-sewqan għall-perijodu taż-żmien li l-Qorti jidhrilha.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

---

[1] Art 338(ff) tal-Kap. 9
[2] Regolament 65 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11
[3] Artikolu 15A(1) tal-Kap. 65
[4] Artikolu 15B(1) tal-Kap. 65

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2023 il-Pulizija mill-Għassa taż-Żejtun kienet għaddejja *b'road block* fi Triq tal-Barrani limiti taż-Żejtun. Għall-ħabta tas-siegħa u tnejn u erbgħin minuta ta' filgħodu (01.42hrs) il-Pulizija waqfet vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACI 996. Ix-xufier ġie identifikat bħal Ryan Spagnol, l-akkużat. Il-Pulizija innutat li Spagnol kellu ħmura f'għajnejn u komportament li qajjem suspett li huwa seta' kien taħt l-effett tal-alkoħol. Kien għalhekk li l-Pulizija iddeċidiet li tipproċedi bit-test tal-*breathalyser*. Dan wara li Spagnol ingħata d-drittijiet legali kollha tiegħu. Wara li ġie somministrat it-test, irriżulta li dan kien qed jaqbeż il-limitu preskritt mil-liġi. Kien għalhekk li Spagnol ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu akkużi kontra tiegħu.

Ikkunsidrat:

Il-każ tal-Prosekuzzjoni prattikament jistrieħ fuq ix-xhieda li ta PS 1405 Dylan Gerada permezz tal-affidavit li ġie preżentat u d-dokumenti li hemm annessi mal-istess affidavit inkluż wkoll il-*breathalyser* chit. PS

1405 Gerada spjega li waqt li kien qed isir *road block*, l-akkużat li kien qed isuq il-vettura ACI 996 twaqqaf mill-Pulizija. Minħabba li l-akkużat kellu għajnejh ħomor u komportament li qajjem suspett li l-istess akkużat seta' kien taħt l-influwenza tal-alkoħol, il-Pulizija infurmatu bil-proċedura tat-test tal-*breathalyser* u bid-drittijiet legali tiegħu. Minn hemm imbagħad il-Pulizija ipproċediet sabiex tagħmel it-test, liema test sar għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin ħdax -il minuta ta' filgħodu (01.49hrs). Minn dan it-test irriżulta li l-akkużat kellu tlieta u erbgħin punt sebgħa (43.7) mikrogramma ta' alkohol fin-nifs u ċioe kwazi d-doppju mil-limitu ta' tnejn u għoxrin (22) mikrogrammi konċessi mil-liġi.

Id-difiża tipprova tiskredita t-test tal-*breathalyser* li sar fuq l-iskorta ta' diversi argumenti. Fl-ewwel lok id-difiża tqajjem dubji fuq jekk l-apparat tal-*breathalyser* kienx kalibrat jew le skont il-liġi. Id-difiża isejjes dan l-argument fuq il-fatt li kien hemm il-ħtieġa li jitranġa l-ħin ta' x'ħin sar it-test stante li l-*breathalyser* ma jidhirx li kien qed jimmarka l-ħin korrettament. Targumenta li jekk il-ħin ma kienx korrett, ma jistax jkollha s-serħan tal-moħħ li l-*breathalyser* kien korrettament kalibrat. Tinsisti li l-Prosekuzzjoni kellha tippreżenta ċ-ċertifikat tal-kalibrar tal-apparat sabiex tikkonferma l-kalibrar tal-istess apparat. La darba dan iċ-ċertifikat baqa' ma ġiex preżentat, allura ma setax jiġi konfermat li fil-verita l-apparat kien adegwatament kalibrat. Konsegwentement, it-test li sar ma kellux jitqies bħala wieħed validu.

Din il-Qorti pero ma taqbilx mal-argument tad-difiża. L-apparat inniffsu qed jindika l-ġurnata meta dan ġie kalibrat u dan jirriżulta miċ-chit li ġiet preżentata. Tul dawn il-proċeduri ma tqajmet l-ebda kwistjoni dwar il-korrettezza tad-dati li kien qed juri l-apparat u l-awtentiċita taċ-chit maħruġa. Il-korrezzjoni fuq iċ-chit saret biss fuq il-ħin, liema korrezzjoni ġiet konfermata wkoll mill-akkużat meta ħa l-pedana tax-xhieda. L-akkużat ikkonferma kif il-ħin ġie korrett fil-presenza tiegħu u l-kopja taċ-chit li huwa ingħata dak il-ħin wkoll kellha l-ħin korrett. Li kieku c-chit ma kinitx qed turi d-data tal-kalibrar tal-apparat jew inkella qamu dubji fuq id-dati indikati fl-istess chit, id-difiża kien ikollha raġun li tqajjem dubji fuq il-kalibrar. Imma la darba hemm indikat id-data speċifika tal-kalibrar liema data qiegħda tiġi ġenerata b'mod awtomatiku mill-apparat inniffsu kull darba li dan jintuża u din id-data kienet tirrisali għal ftit aktar minn xahar qabel sar it-test mertu ta' dawn il-proċeduri, din il-Qorti ma tqisx li l-argument tad-difiża fiċ-ċirkostanzi huwa wieħed validu.

It-tieni argument li tqajjem mid-difiża jikkonċerna l-fatt li ġiet preżentata kopja tar-rinunzja tad-drittijiet legali. Id-difiża isostni li la darba ma ġietx preżentat l-oriġinal tar-rifjut ta' tali drittijiet, din ma kellhiex titqies bħala evidenza suffiċjenti dwar il-fatt li kienu ingħataw lill-akkużat id-drittijiet legali rikjesti mil-liġi. Fil-fehma tad-difiża għalhekk dan kollu kien jivvizzja l-proċess tat-test tal-*breathalyser*.

Il-Qorti lanqas ma taqbel ma' dan l-argument: għalkemm huwa minnu li ġiet preżentata kopja tar-rinunzja tad-drittijiet legali, id-difiża donnha tinsa li dan id-dokument kien anness mal-affidavit ta' PS 1405 Dylan Gerada u kien konfermat minnu bil-ġurament bħala parti mill-affidavit tiegħu. PS 1405 kien wkoll firmatarju tal-istess dokument u allura huwa kien fil-posizzjoni li jikkonferma bil-ġurament l-istess kopja tar-rinunzja tad-drittijiet legali. B'hekk dan id-dokument ingħata saħħa daqslikieku kien oriġinal. L-istorja kienet tkun kompletament differenti li kieku l-kopja tar-rinunzja tad-drittijiet ma kinitx ġiet konfermata bil-ġurament minn xi ħadd mill-firmatarji. F'dan il-każ id-difiża kien ikollha raġun fl-argumenti legali tagħha li ma kinitx tkun ġiet imressqa l-aħjar prova dwar jekk effettivament l-akkużat ingħatax id-drittijiet legali jew le.

It-tielet argument li jressaq l-akkużat huwa li fiż-żmien li huwa twaqqaf huwa kien qed jieħu mediċini li setgħu ikkontribwew għal żieda fil-livell tal-alkoħol. Huwa jirreferi għal numru ta' mediċini li ingħata l-parir li jieħu. Madanakollu l-akkużat jonqos li jindika jekk il-mediċini li huwa kien qed jieħu kienx effettivament fihom xi *alcohol content*. La darba qajjem din id-difiża hu, l-akkużat kien obbligat fuq bażi ta' probabbilita li jġib prova ta' dan l-*alcohol content* ta' dawn il-mediċini, prova li faċilment setgħet tinġab billi jindika l-komposizzjoni tal-mediċini li huwa kien qed jieħu. Dan biex juri li fuq bażi ta' probabilita t-test tal-*breathalyser* seta' ġie kompromess bit-teħid ta' dawn il-mediċini. Din il-prova pero l-akkużat m'għamilhiex. La ġab prova tal-komposizzjoni tal-mediċini li huwa kien qed jieħu f'dak iż-żmien u wisq u wisq anqas xi

opinjoni medika jew opinjoni oħra teknika li tikkonferma li f'dawn il-mediċini kien hemm xi alckoħol li seta' affettwa r-riżultat. L-unika komposizzjoni ta' mediċina li tingħata hija dik li tidher fir-ritratt esebit bħala Dokument RS 1. Pero l-kontenut ta' din il-mediċina huwa miktub b'lingwa barranija u ma ġiet provduta l-ebda traduzzjoni tal-istess biex jindika jekk effettivament hemmx xi *alcohol content* fiha. B'din il-karenza assoluta ta' provi, din il-Qorti ma tistax tasal sabiex tagħti xi livell probatorju lil dan l-argument tal-akkużat. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li fix-xhieda li ta l-akkużat huwa ammetta li aktar kmieni f'dik il-lejla kien qed jixrob.

Kif ġia ingħad mit-test tal-*breathalyser*, irriżulta li l-akkużat kien skorra l-limitu konsentit mil-liġi kważi bid-doppju. Għalhekk huwa ċar għal din il-Qorti li r-raba' akkuża tirriżulta pruvata. La darba r-raba' akkuża tirriżulta ippruvata, bil-fors u b'mod awtomatiku sejra tirriżulta t-tielet akkuża. Dan għaliex kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Andrew Falzon</u>** deċiża fit-tmienja (8) ta' Ġunju 2007, la darba r-reat kontemplat fl-artikolu 15B tal-Kap. 65 huwa marbut ma' livell partikolari ta' alkoħol, la darba jinqabeż dak il-limitu allura hemm il-presunzjoni *juris et de jure* li dak li jkun ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb. La darba l-persuna hija taħt l-effett tax-xorb, Dan awtomatikament jimplika wkoll li l-persuna ma jistax jkollha kontroll sħiħ tal-vettura. Għalhekk it-tieni (2) akkuża tirriżulta wkoll.

Għar-rigward l-ewwel (1) akkuża sabiex tinstab ħtija, din il-Qorti temmen li l-individwu konċernat irid iġib ruħu b'mod li jwassal lill-bniedem ordinarju sabiex dan oġġettivament jikkonkludi li verament il-bniedem huwa fi stat ta' sakra akut b'mod li ma jkunx f'posizzjoni li jieħu ħsieb tiegħu inniffsu. Eżaminati l-provi prodotti f'din il-kawża, din il-Qorti ma tistax tasal sabiex tikkonkludi li l-ewwel (1) akkuża irriżultat. Għalkemm PS 1405 jsemmi "komportament" li qajjimlu suspett li l-akkużat seta' kien taħt l-influwenza tax-xorb, huwa ma spjegax x'kien dan il-komportament u fiex kien jikkonsisti. Jgħid biss li l-akkużat kellu għajnejh ħomor. L-istess xhud lanqas ma ta x'indikazzjoni li l-akkużat kien fi stat ta' sokor daqshekk akut li assolutament ma kienx f'posizzjoni li jieħu ħsieb tiegħu inniffsu. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti, din l-ewwel akkuża ma rriżultatx.

Għar-rigward il-piena, il-Qorti sejra tqis li t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża huma kompriżi u involuti fir-raba' (4) akkuża. Il-Qorti hija wkoll obbligata li b'mod tassattiv tapplika s-sospensjoni tal-liċenzja a tenur tal-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1) akkuża u qed tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikoli 15A(1), 15B(1), 15H(1), 15H(2) u 15I(1)(a) tal-Kap. 65 kif wkoll ir-regolament 68 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 qed issib lill-akkużat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) akkuża u qed tikkundannah għall-ħlas ta’ multa komplessiva ta’ elf u tmien mitt ewro (€ 1,800). In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta’ sitt (6) xhur mil-lum.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**